KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 38 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju 2014 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.50 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.50pm | 10.45pm |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.30 pm | 10.45 pm |
| pm Kunsillier Alexander Muscat | 7.37 pm | 10.45 pm |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.35 pm | 10.45 pm |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.35 pm | 9.30 pm |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.38 pm | 10.45 pm |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri | 7.30 pm | 10.45 pm |
| Kunsillier James Cassar | 7.35 pm | 10.45 pm |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.45 pm | 10.45 pm |
| Kunsillier David Meilak | 7.35 pm | 10.45 pm |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.40 pm | 10.45 pm |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 37 - 19 ta' Ġunju 2014**

1.01 Saret korrezzjoni fl-aħħar sentenza ta item 4.01. Tħassru l-kliem 'u jagħmel oġġezzjoni' u daħlu l-kliem 'b'din il-fehma tal-Kunsill' min flokhom. Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Punti Imqajma mill-Minuti**

Dwar 2.01 Is-Sindku nfurmat li saret laqgħa mal-Perit Reuben Borg u s-Sur George Cassar fejn ġie deċiż li tintbagħat talba lil HSBC dwar il-possibilita ta akkwist ta' fondi mill-HSBC Fund sabiex jiġu ffinanzjati l-ispejjes identifikati mill-*Management Plan* għal-proġett ta restawr tat-Tarġa Battery. Din it-talba issa ntbagħtet.

Dwar 4.01 L'Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jibgħat jistaqsi lill-MEPA sabiex jikkjarifikaw x'iridu jgħidu b-"*Suspension of the Permit*" dwar il-każ tal-applikazzjoni għal-estensjoni ta' Shop No 1 fi Triq id-Dawr.

Dwar 4.03 Il-Kunsillier James Cassar informa li ma kienx attenda dan il-"workshop" minħabba pressjoni ta' xogħol.

Dwar il-permessi tal-ħwienet, qubbajd, u kjosks, il-kunsill ġie nfurmat li l-Ispettur Nicholas Vella kien sejjaħ laqgħa għal tal-ħwienet fis-Sala tal-Komunita fejn spjegalhom l-kundizzjonijiet u r-regolamenti li kienu ser jiġu strettament implimentati mill-Pulizija matul iż-żmien tal-festa fil-Mosta. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lil tal-ħwienet li kien ser issir tindif u ġbir ta'skart mill-pjazza wara l-marċ ta' filgħodu nhar il-15 ta' Awwissu.

Dwar it-talba għal-kommerċjalizzazjoni tax-xelter tal-pjazza, l-Kunsillier Alexander Muscat qal li għalkemm il-liġi kienet tipprovdi għal possibilita ta' "*right of first refusal*", dan ma kienx obligatorju. Il-Kunsilliera Dr. Rachel Tua qalet li hija ma taqbilx mar-*right of first refusal* għax dan ma kienx l-ewwel u l-uniku applikant li għamel din it-talba. Il-Viċi Sindku s-Sur Joe Demartino kkonferma li fil-passat kien hemm applikant ieħor u talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv jesebixxi d-dokumenti dwar dan. Id-dokumenti ġew mpoġġija fuq il-mejda tal-Laqgħa għal-konvenjenza tal-Kunsilliera.

Dwar l-arranġamenti riċenti ta' sistema ta' one-way fi Triq l-Antinni, l-Kunsillier Alexander Muscat talab li terġa ssir talba lil-Transport Malta sabiex jikkonsidraw li l-one way ta' Triq l-Antinni terġa ssir fid-direzzjoni li kienet qabel. Is-Sindku qalet li r-residenti fit-toroq fejn saru one ways kienu qegħdin jidraw it-tibdil li sar. Dan it-tibdil iwassal għal aktar sigurta fit-toroq imsemmijin. Wara diskussjoni twila s-Sindku qablet li terġa ssir talba lill Transport Malta biex tiġi riveduta d-direzzjoni tat-traffiku fi Triq l-Antinni.

**Sospensjoni tar-Regolamenti.**

Hawn saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex is-Sinjuri Spiteri li joqgħodu fi Vjal il-Qalbiena Mostin jkunu jistgħu jitkellmu dwar l-ilment tar-residenti. Is-sinjuri Spiteri wrew il-biża tagħhom dwar inċidenti minħabba sewqan sfrenat li qed isir f'din it-triq. Huma qalu li ma jdumx ma jkun hemm xi fatalita jekk ma jittieħdux miżuri ta' kontroll tat-traffiku f'din it-triq. Huma talbu li jsiru (a) speed-camera, (b) *crash-barriers* u *traffic-calmers*. Huma talbu wkoll sabiex il-Pedestrian Light li kienu ġew installati ġimgħat ilu jibdew jiffunzjonaw kif suppost għaliex dawn kien għadhom mhux funzjonabbli. Il-Kunsill talab lis-Sinjuri Spiteri sabiex jiġbru petizzjoni ffirmata mingħand ir-residenti sabiex issir it-talba lir-Reġjun tat-Tramuntana għal-*speed-cameras*. Is-Sinjuri Spiteri ġew infurmati wkoll li talba għal-*speed cameras* fil-Mosta, fosthom Vjal il-Qalbiena Mostin, kienet diġa saret snin ilu mill-Kunsill preċedenti fi żmien il-Kumitat Konġunt tat-Tramuntana iżda sfortunatament Transport Malta ma nstallaw l-ebda *speed-camera* fil-Mosta.

**3.00 Materji Finanzjarji**

**a) Lista ta Pagamenti**

Ġiet approvata unanimament lista annessa ta' pagamenti (Skeda Nru. 27) li tammonta għas-somma ta' €184,209-47 kif ippreżentata.

b) **Lista ta' Works Orders**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Work Orders għax-xhur ta' Ġunju u Lulju 2014 kif ippreżentata. Lista annessa.

c) **Lista ta Purchase Orders**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders għax-xahar ta' Mejju (part of), Ġunju u Lulju 2014 kif ippreżentata. Lista annessa.

d) **Lista ta Depożiti**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Depożiti fil-bank għax-xahar ta' Gunju 2014 li tammonta għas-somma ta' €96,167.20. Lista annessa.

e) **Quarterly Report of the Mosta Local Council for the period covering January to March 2014**

Hawn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub jitlob id-direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar jekk il-Kunsill jistax juża bilanċ ta' depożiti li jkunu nġabru mill-Kunsill mingħand ir-residenti għal-użu ta' krejnijiet fit-toroq u li ma jiġux mitluba lura għal-ċertu numru ta' snin.

(f) **Quarterly Report of the Mosta Local Council for the period covering January to March 2014.**

Ġie ppreżentat u approvat ir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill għal l-ewwel kwart tas-sena 2014 kif ippreparat mill-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea. Dan kien juri ndikatur finanzjarju pożittiv ta' 10%.

**4.00 Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata lista ta' 7 items ta' korrispondenza. Id-Deċiżjonijiet li ttieħdu dwar din il-korrispondenza jinstabu fil-lista annessa ma dawn il-minuti.

**4.01 Dwar korrispondenza Nru. 3 – Talba mingħand l-impjegata tal-Kunsill is-sinjura Candice Coppola.** Ġie approvat unanimament li s-Sinjura Coppola tiġi promossa għal-skala 13 punt 6 b'effett mill-1 ta' Awwissu 2014.

**4.02 Dwar korrispondenza Nru. 7 – Skema Nru 2 -Manutenzjoni tal-komun f'binjiet tal-gvern.** Ġie approvat li f'laqgħa oħra tal-Kunsill jiġi deċiż meta ssir laqgħa għal-inkwilini ta' dawn il-binjiet tal-gvern sabiex jiġu nfurmati bl-iskema u jintalbu jifformaw *'residents association'* għal-kull binja u jinħatar rappreżentant. Ġie deċiż li jintgħażlu 10 mis 27 binja tal-gvern li hawn fil-Mosta. Jintgħażlu biss dawk li jkollhom l-assoċjazjoni u li jaħtru rappreżentant.

**5.00 Aġġudikazzjoni ta' Tender - KLM 03/2014 – Tender for Planting, Cleaning and Maintenance of Parks, Gardens, and Soft Areas.**

Dan l-item tal-agenda ġie mħolli għad-diskussjoni f'laqgħa oħra wara li jidħlu tweġibiet għal mistoqsijiet li saru lill-applikanti.

**6.00 Impjieg ta Skrivana – Reviżjoni tad-Deċiżjoni**

Wara li Ms.Lucy Pace Guder kienet irrifjutat l-impjieg ofrut lilha, l-Kunsill approva unanimament li tiġi impjegata Ms. Lillian Borg li giet it-tieni fl-intervista li kienu saru lill-applikanti għal-mili ta' dan il-post ta' customer care clerk. Is-Sinjorina Borg għandha tigi mpjegata b'effett mill-1 ta' lulju 2014 titpoġġa fuq skala 15 punt 1 u bi *probation period* ta 6 xhur .

**7.0 Deċiżjoni dwar użu tas-sala tal-kommunita għal skopijiet politiċi**

Saret diskussjoni dwar dan is-suġġett. Il-Viċi-Sindku Joseph De Martino qal li huwa ma jaqbilx li s-Sala tal-Kommunita tintuża għal-laqgħat politiċi.

Il-Kunsillier David Meilaq qal li huwa jaqbel li dan jsir basta jkun bi ħlas għal-użu tas-sala. Is-Sindku Dr. Shirley Farrugia wkoll qablet li dan jkun jista jsir mill-partiti politiċi kollha iżda bi ħlas.

Il-Kunsillier Alexander Muscat fakkar li kienet ġiet miċħuda lilu talba simili iżda li kien hemm deċiżjonijiet dwar użu tas-sala għal-skop politiku minghajr ma gie infurmat il-Kunsill. Is-Sindku qalet li dan kien sar minhabba li ma kienx hemm zmien biex jitlaqqa l-Kunsill u li fil-fatt kienet intbaghter e-mail lill-kunsilliera kollha. Barra min hekk din il-Laqgħa kienet saret bi skop politiku nazzjonali għal elezzjoni ta' rappreżentanti Maltin bħala MEPs u mhux bi skop partiġġjan. Is-Sur Muscat ukoll qabel li s-sala tintuża għal-laqgħat politiċi bi ħlas.

Il-Kunsill approva unanimament li s-Sala tintuża għal-laqgħat ~~anke~~ politiċi bi ħlas skont it-tariffa tal-Kunsill.

**8.0 Diskussjoni dwar l-operat tar-Reġjun**

Is-Sindku Dr. Shirley Farrugia talbet lil-Viċi Sindku s-Sur Joseph De Martino sabiex bħala rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Regjun tat-Tramuntana jitkellem dwar dan l-item. Is-Sur De Martino qal li kienet saret laqgħa mas-Segretarju Eżekuttiv George Abdilla u Raphael Carabott li huwa l-Authorised Officer tal-Wardens flimkien miegħu, s-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv fejn ġew diskussi diversi nuqqasijiet u lmenti li l-Kunsill tal-Mosta jħoss li hemm bżonn soluzjoni għalihom fl-operat tar-Reġjun. Dawn s-suġġetti kienu jinkludu: bżonn ta' speed-cameras, wardens għad-dispozizjoni tal-Kunsill, u aktar użu ta' Green Wardens.

Is-Sindku qalet li tħoss li kien hemm bżonn li jiġu allokati wardens direttament mal-Kunsill sabiex dawn jingħataw struzzjonijiet mill-Kunsill fejn, kif, u meta jkun hemm bżonn li għandhom jagħmlu r-ronda f'żoni sensittivi għal-abbuż. Is-Sur De Martino qal li bis-sistema kif inhi, il-Kunsill ma għandu l-ebda kontroll fuq il-wardens. Huwa qal li l-istess ser jiġri fis-sistema ta' manutenzjoni tad-dwal fit-toroq jekk din tiġi f'idejn ir-Reġjun.

Hawn issemma li s-Sur George Abdilla kien iddikjara li dan mhux possibli għaliex r-Regjun ried bilfors jitmexxa b'*financial viability* u għalhekk kien hemm il-konsiderazzjoni

ta' dħul finanzjarju min multi li jingħataw mill-wardens biex jgħamlu tajjeb għal-operat tar-Reġjun. Ġie ddikjarat li dan il-mod t-tmexxija tar-Regjun ma kienx aċċettabli għal-Kunsill tal-Mosta.

Dwar il-Green Wardens, il-Viċi Sindku qal li kien hemm moviment min diversi rappreżentanti tal-Kunsilli fir-Reġjun li dawn jiġu abolita minħabba kwistjoni ta' spejjes. Huwa qal li huwa ma jaqbilx ma dan. Is-Sindku qablet ukoll li dawn hemm bżonnhom u li hemm skop kbir għalihom iżda kien ovju li s-sistema li qed titħaddem ma kienitx tajba.

Dwar speed-cameras intqal li kien hemm diġa domanda għal installazjoni ta' cameras f'4 toroq fil-Mosta. Dawn huma: Vjal il-Qalbiena Mostin, Vjal l-Indipendenza,Triq Sammy Calleja, u Triq Franġisku Pisani. Il-Kunsilliera ntalbu jirreferu lill-amministrazzjoni fejn huma jaħsbu li hemm bżonn ta' speed-cameras.

## 9.0 Affarijiet Oħra

9.01 Fuq talba tal-Viċi-Sindku, s-Sur Joseph De Martino, ġie approvat unanimament li f'Diċembru 2014 terġa tiġi organizzata l-Bird Show bl-istess budget bħas-snin ta' qabel. IZDA ġie deċiż li peress li din id-darba l-attività taghlaq 150 sena il-Budget jitla' għal €1200.

9.02 Ġie approvat unanimament li jinxtara apparat ta CCTV sabiex fost oħrajn titwaħħal camera mall-bini tal-Kunsill sabiex tissorvelja l-ġnien u l-playing field tal-ġnien Reggie Cilia.

9.03 Ġie deċiż li sqaq bejn il-Ġnien Reggie Cilia u l-Klabb tal-Boċċi jingħalaq b'mod permanenti għat-traffiku minħabba periklu għal min ikun għaddej min dan is-sqaq.

9.04 Ġie approvat li jittieħdu passi sabiex jsir vent għal-latrina ta quddiem ċ-Ċentru Ċiviku minħabba inkonvenjent ta' rwejjaħ.

9.05 Is-Sur Mario Sammut talab li parti min triq ir-Rebbiegħa ssir one-way. Għandha tiġi ppreżentata site-plan f'laqgħa oħra tal-Kunsill sabiex jiġi diskuss u jsir qbil dwar liema parti għandu jintalab lil-Transport Malta sabiex issir one-way.

9.06 Bżonn ta' patching fit-Triq ta' li min Vjal Millbrae twassal sal-Batterija tat-Tarġa.

## 10.0 Aġġornament

Il-Laqgħa ntemmet fil-10.45pm.

| | |
|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia<br>Sindku | John J. Camilleri<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |